KULLEĠĠ SAN NIKOLA

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU

Frar 2017

| IR-RABA' SENA | L-ISTUDJI SOĊJALI | IL-ĦIN: Siegħa |
|---|---|---|

Marka Totali

_____ / 80

L-Isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: __________

## A. Imla l-vojt bil-kliem mogħti. (8 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| ix-xemx | nixfa | xita | għolja |
| temp | qasira | fis-sajf | baxxa |



Minħabba li ________________________ il-ġurnata tkun twila, insibu aktar ħin biex noħorġu mal-familja. Matul dan l-istaġun, ______________________ tkun fil-għoli u b'hekk idum biex jidlam. Aktar ma tkun sħana, iktar ikollna temperatura ________________________. Mill-banda l-oħra, fix-xitwa x-xemx tkun aktar ________________________ u b'hekk tagħmel iżjed kesħa. Matul dan l-istaġun il-ġurnata tkun ________________________. Għalhekk nistgħu ngħidu li t-temp jinbidel skont l-istaġuni. Fil-ħarifa tibda tagħmel xi ftit ________________________ filwaqt li fir-rebbiegħa jibda jagħmel ________________________ sabiħ u bnazzi. Minħabba li Malta hu pajjiż sħun, fis-sajf ikollna ħafna ________________________.

**B. Wieġeb billi taqta' sing.** **(6 marki)**

1. Biex nifhmu kif tagħmel (borma minestra, ix-xita, dgħajsa) hemm bżonn li l-ewwel nifhmu x'inhu ċ-ċiklu tal-ilma.



2. Ix-xemx tiġbed l-ilma bir-raġġi u (l-kesħa, l-kulur, s-sħana) tagħha.
3. Ix-xemx tiġbed l-ilma mill-(widien, friġġ, injam).
4. Meta l-ilma jevapora ngħidu li jkun (niżel 'l isfel, tela' 'l fuq, sparixxa).
5. L-ilma li jevapora jsir (silġ, duħħan, fwar).
6. Aktar ma s-sħab ikun fih ilma, iktar ikun (griż u ħafif, tqil u iswed, abjad u mxarrab).

**Ċ. Ikteb VERU jew FALZ. Ara l-eżempju.** **(8 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| ***Eż.*** | ***L-ilma huwa tajjeb għal saħħitna.*** | ***Veru*** |
| 1 | Ix-xita tnixxef l-għelieqi. | |
| 2 | L-ilma tax-xita jimla l-bjar tagħna. | |
| 3 | Ix-xemx tixrob l-ilma mill-ħwejjeġ minxurin fuq bejt. | |
| 4 | Ir-rebbiegħa tiġi wara s-sajf. | |
| 5 | Meta t-temperatura tkun 12°C ikun il-bard. | |
| 6 | Fuq il-bjut tagħna nżommu tankijiet mimlija ilma. | |
| 7 | Ħafna mill-ilma tax-xita f'Malta jispiċċa fix-xmajjar. | |
| 8 | Fis-sajf, ħafna mill-widien ikunu mfawwrin bl-ilma. | |

D. **Qabbel billi tikteb in-numru fil-kaxxa t-tajba.** **(10 marki)**
**Ara l-eżempju.**



| | | | |
|---|---|---|---|
| *1* | ***Staġun li fih nilbsu ħwejjeġ ħoxnin.*** | | nixfa |
| 2 | Ħafna xita f'daqqa. | | bnazzi |
| 3 | Nuqqas kbir ta' ilma. | | ċikluni |
| 4 | Insibuhom fil-ġnub tat-toroq biex jilqgħu l-ilma tax-xita. | | majjistral |
| 5 | Temp sabiħ u ċar. | | tromba |
| 6 | Isem ta' riħ qawwi li jaħkem fuq il-gżejjer Maltin. | | għargħar |
| 7 | Kesħa jew sħana esaġerata. | | ħitan tas-sejjieħ |
| 8 | Riħ li jobrom u jdur fit-tond. | | ħamla |
| 9 | Maltempata kbira b'ħafna xita u riħ, | ***1*** | ***xitwa*** |
| 10 | Ma jħallux il-ħamrija tinġarr. | | temp estrem |
| 11 | Ħamrija li tinġarr mal-ilma tax-xita flimkien ma' skart u ħmieġ. | | gandotti |

E. **Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.** **(10 marki)**



Marija hija tifla ta' tmien snin u tattendi f'waħda mill-iskejjel primarji ta' San Nikola. Hija qiegħda fir-raba' sena u tħobb ħafna l-annimali speċjalment il-kelb tagħha Rex. Meta waslet mill-iskola, Marija ħadet gost titkellem ma' ommha u bdiet tgħidilha dwar dak li tgħallmet matul il-jum. Hekk tħobb tagħmel kull darba li tasal mill-iskola waqt li tieħu kikkra te. Fl-4:00 ta' waranofsinhar bdiet il-*homework* tal-Ingliż u fl-4:30 bdiet dak tal-Matematika. Ix-xogħol tal-iskola lestietu kollu sal-5:00. Marija għajjiet tikteb u għalhekk ħarġet fil-ġnien li għandhom mad-dar biex tilgħab ma' Rex. Tgħidx kemm ħadet gost twaddablu l-ballun minn naħa għal oħra. Fis-6:20 wasal missierha mix-xogħol. Għalhekk inġabru madwar il-mejda u kielu flimkien. Wara l-ikel, Marija għenet lil ommha u lil missierha jaħslu l-platti. Fit-8:00 ta' filgħaxija qagħdu jaraw l-aħbarijiet flimkien. Fit-8:30 Marija sellmet lill-ġenituri tagħha u marret tinħasel. Fid-9:00 kienet qiegħda taqra ktieb li ssellfet mingħand ħabiba tagħha. Hija dejjem taqra xi ktieb bil-Malti jew bl-Ingliż qabel ma torqod.

1. X'inhi l-ewwel ħaġa li għamlet Marija malli waslet mill-iskola? (1)

______________________________________________

______________________________________________

2. X'għamlet Marija bejn il-4:30 u l-5:00 ? (1)

______________________________________________

______________________________________________

3. Semmi **żewġ** affarijiet ta' xogħol li inti bħal Marija jkollok tagħmel matul il-ġimgħa. (2)

______________________________________________

______________________________________________

4. Għalik xi jfisser il-kliem **Ħin Liberu**? (2)

______________________________________________

______________________________________________

5. Semmi **żewġ** affarijiet tajbin li għamlet Marija qabel marret torqod. (2)

______________________________________________

______________________________________________

6. Taħseb li Marija taf tqassam il-ħin tagħha sew? Għid għaliex taħseb hekk. (2)

______________________________________________

______________________________________________

## F. Wieġeb (2 marki)

1. Semmi żewġ modi kif il-klima ta' Malta hija differenti minn dik tar-Renju Unit.

(a) ______________________________________________

______________________________________________

(b) ______________________________________________

______________________________________________



2. Aqta' sing taħt **erba'** annimali li jistgħu jgħixu fid-Deżert Saħara.

**(4 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| pengwini | sriep | orsijiet | iġmla |
| foki | ċriev | nagħaġ | ippopotami |

**Aqta' sing taħt il-kelma t-tajba. (2 marki)**

3. Id-Deżert tas-Saħara jiksi parti kbira mill- (Ewropa, Afrika, Amerika, Antartika).

4. Il-pajjiżi tal-Amerika t'isfel ngħidu li qegħdin qrib (il-Pol tat-Tramuntana, l-Ewropa, l-ekwatur, il-Pol tan-Nofsinhar).

**Ġ. Imla l-vojt bil-kliem mogħti.** **(10 marki)**



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| bil-foresti | reġjuni | Eskimi | muntanji | l-klima |
| Kanada | nixfa | iċ-Ċina | annimali | l-ajkli |

Fl-Istati Uniti tal-Amerika, insibu ħafna ______________________ kbar magħrufa bħala *The Rocky Mountains*. Dawn tant huma kbar illi jibqgħu sejrin sal-______________________. Meta jibda jinħall is-silġ, ______________________ jibdew jagħmlu l-bejtiet tagħhom. Il-Poli tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar huma ______________________ ta' kesħa kbira. Iżda għalkemm tagħmel ħafna kesħa, xorta waħda nsibu nies li jgħixu hawnhekk. Dawn in-nies jissejħu ______________________. Jekk inħarsu lejn ______________________ nindunaw li hemm sensiela ta' muntanji magħrufa bħala Ħimalaja. Minbarra l-muntanji, f'dan il-pajjiż insibu wkoll partijiet kbar miksija ______________________.

Jekk imbagħad inħarsu lejn l-Indja, naraw illi ______________________ tinbidel kull sitt xhur. Ikun hemm sitt xhur sħaħ ta' xita u sitt xhur ta' ______________________ kbira. Minħabba n-nuqqas ta' xita jispiċċaw imutu ħafna ______________________.

**G. Ikteb dawn il-frażijiet fil-kolonna t-tajba taħt ĦIN LIBERU jew XOGĦOL skont kif taħseb li hu tajjeb. (6 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| immur iċ-ċinema | nistudja | nilgħab mal-ħbieb |
| nagħmel il-*homework* | niekol | naħdem proġett tal-iskola |

| ĦIN LIBERU | XOGĦOL |
|---|---|
| | |
| | |
| | |

**Għ. Wieġeb billi jew taqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba. (10 marki)**

1. Madwar tmenin sena ilu, in-nisa Maltin kienu jilbsu
   a. għonnella kkulurita.
   b. libsa qasira.
   ċ. għonnella sewda.
   d. dublett qasir u qmis.



2. Tmenin sena ilu, l-irġiel Maltin kienu jilbsu
   a. qalziet qasir, qmis u kappell.
   b. qalziet twil, qmis u sidrija.
   ċ. bermuda u flokk biċ-ċingi.
   d. xorz u ġlekk.

3. Fl-imgħoddi meta ma kienx hawn karozzi, sabiex jivvjaġġaw is-sinjuri Maltin kienu jużaw
   a. ħmar.
   b. taxi.
   ċ. xarabank.
   d. karozzin.

4. Biex ikunu ċerti li l-ħalib li jixtru jkun frisk, il-Maltin tal-imgħoddi kienu
   a. jpoġġuh fil-friġġ.
   b. jixtru l-ħalib dirett mingħand raħħal.
   ċ. jduquh.
   d. jħalluh ftit sigħat fix-xemx.

**Wieġeb**

5. Semmi **żewġ** annimali li kont tara fit-toroq Maltin tmenin sena ilu?

_______________________________________________

_______________________________________________

6. Semmi **żewġ modi** kif kienu jqattgħu l-ħin il-Maltin fl-imgħoddi.

_______________________________________________

_______________________________________________

7. Semmi **żewġ raġunijiet** għaliex taħseb li l-Maltin tal-imgħoddi kellhom dawn il-passatempi?

_______________________________________________

_______________________________________________

**H. Immarka b'sinjal ☑ dawk is-sentenzi <u>BISS</u> li huma tajbin.**
**Ara l-eżempju. (4 marki)**



| | | |
|---|---|---|
| *1.* | *It-Tablets u l-Internet huma għodda moderna.* | ✓ |
| 2. | Iż-żafżafa hija tip ta' xorb li kienu jixorbu fl-imgħoddi. | |
| 3. | Filgħaxija l-Maltin kienu jiltaqgħu fuq xi għatba u joqogħdu jitkellmu fuq kull ma jiġi. | |
| 4. | L-ispirtu pront huwa tip ta' għana Malti. | |
| 5. | Fid-29 ta' Lulju niċċelebraw il-festa tal-Imnarja. | |
| 6. | Fl-Imnarja jsiru t-tlielaq tal-bhejjem. | |
| 7. | Ir-Regatta hija tiġrija li ssir fit-8 ta' Diċembru. | |
| 8. | Ix-xixu u l-passju huma żewġ tipi ta' logħob tat-tfal. | |

**TMIEM IL-KARTA**